# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 313/2015**

Il-Pulizija

vs

**William Depaquale**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 297973(M)

Illum, 14 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant William Depasquale quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax xahar ta’ Frar, 2015 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Gunju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant William Depasquale pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikati tat-3 Gunju, 2015, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah rnill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant mhux qieghed f'pozizzjoni li jhallas is-somma ta' €450 fix-xahar u dan peress li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fuq talba tal-ex mara tal-imputat, ordnat il-hrug ta' mandat ta' sekwestru.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2016 din il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' William Depasquale fil-meritu. Dwar il-piena, tilqa l-appell tal-appellant William Depasquale. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tillibera lil William Depasquale taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.